MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Avviz Numru. 18/2008

**Hector Camilleri**

**vs**

**Andrei Previ**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-21 ta' Jannar tas-sena 2008, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi prevja dikjarazzjoni illi hu debitur tar-rikorrent fl-ammont ta' ghaxart elef mitejn u sebgha u tmenin Ewro u hamsa u sittin centezmu, (€10,287.65), ossia erbat elef erba' mija u sittax-il Lira Maltin u disgha u

erbghin centezmu, (LM4,416.49), liema somma tirrapprezenta xoghol mibjugh u kkonsenjat lill-intimat mill-hanut *Hector's Ironmongery,* u ghal liema xoghol ma sarx pagament, jigi kkundannat ihallas lir-rikorrent is-somma hawn indikata;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju tas-sena 2007, illi kopja taghha tinsab hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, oltre l-interessi kummercjali mid-data tal-konsenja tax-xoghol, sad-data tal-pagament effettiv;

3. Bl-intimat ikun ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-kapitolu tar-rikorrent datat is-26 ta' Marzu tas-sena 2008;

Rat ir-rikors ta' l-intimat datat l-4 t'April tas-sena 2008, li permezz tieghu talab li jopponi t-talbiet tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha datat is-7 t'April tas-sena 2008, li permezz tieghu ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat li wara li tisma' lir-rikorrent Previ, (intimat fl-att odjern), taghti d-direzzjoni mehtiega;

Rat il-verbal taghha datat it-8 t'April tas-sena 2008, li permezz tieghu, wara li semghet lill-intimat u lir-rapprezentant legali tieghu awtorizzat lill-istess intimat biex jipprezenta r-risposta tieghu;

Rat ir-risposta datata t-23 t'April tas-sena 2008;

Rat il-verbal datat il-21 ta' Jannar tas-sena 2009, li permezz tieghu r-rapprezentanti legali ta' l-intimat infurmat lill-Qorti li l-partijiet ittransigew il-kawza;

Rat in-nota ta' l-intimat Previ datata s-27 ta' Frar tas-sena 2009, li permezz taghha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota tar-rikorrent Camilleri ukoll datata s-27 ta' Frar tas-sena 2009, li permezz taghha rriduca t-talba ghall-

tmint elef, disa' mija u ghoxrin Ewro (€8,920.00), stante xi pagamenti fil-mori tal-kawza;

In vista ta' l-istess ammissjoni fuq it-talba kif ridotta;

1. Tikkundanna lill-intimat Andre` Previ biex ihallas lir-rikorrent l-ammont ta' tmint elef, disa' mija u ghoxrin Ewro (€8,920.00), kif dedotta fir-rikors promotur;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------